**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

L-Erbgħa 7 ta' Marzu 2018

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 71

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 71 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ġimgħa 9 ta' Marzu 2018 fil-5pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

71.1 Approvazzjoni tal-*Unaudited Financial Statements 2017*.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-71 Laqgħa (laqgħa b'urġenza) tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar il-Ġimgħa 9 ta' Marzu 2018 fil-5pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fil-5:30pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsilliera | Olympia Sant Mifsud |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Kunsilliera | Daniela Farrugia (bagħtet e-mail bir-raġuni għaliex ma tistax tattendi, li kienet milqugħa mill-Kunsill Lokali) |
| Ambaxxatriċi | Yanika Ciappara |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 71.1 APPROVAZZJONI TAL-*UNAUDITED FINANCIAL STATEMENTS 2017*

71.1.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsill Lokali jrid japprova l-*unaudited financial statements* tas-sena li għaddiet, sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu mgħoddija lill-awdituri tal-NAO.

71.1.2 Qal li se jħalli f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv sabiex jispjega aktar fid-dettall.

71.1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon irrimarka li l-Kunsill Lokali kien qiegħed xi ftit tard minn meta kellu jissottometti l-*Management Accounts 2017*, għax dawn kellhom ikunu sottomessi sad-19 ta' Frar 2018, imma minħabba s-sitwazzjoni tal-*accountant* tal-Kunsill Lokali, kellna ndumu ftit aktar.

71.1.3.1 Qal li l-*accountant* il-ġdid tal-Kunsill Lokali ħadem ħafna sabiex dawn ikunu lesti kemm jista' jkun malajr, u għalhekk kienet qiegħda ssir din il-laqgħa b'urġenza, sabiex jiġu approvati ħalli jingħaddu lill-awdituri tal-NAO.

71.1.3.2 Żied li għalkemm irċevejna ħafna mill-materjal, xorta waħda dak li rċevejna jrid jitniżżel fuq it-*template* tas-soltu, u allura malli din tkun lesta tingħadda lill-awdituri.

71.1.3.3 Spjega kif minn dak li wasal mingħand l-*accountant*, jidher li l-Kunsill Lokali beda s-sena finanzjarja bl-ammont ta' €370,998.81 u fiha nefaq is-somma ta' €354,395.27.

71.1.3.4 Qal li għaldaqstant dan ifisser li l-Kunsill Lokali baqa' b'bilanċ ta' €15,435.15.

71.1.4 Is-Sindku ppropona li dawn l-*unaudited financial statements* għandhom jiġu approvati.

71.1.4.1 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

*Il-laqgħa ntemmet fil-5:30pm.*

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |